MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 219/2012

**The Light Shop Limited (C18914)**

**vs**

**Entertainments Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar is-26 ta' Gunju 2012, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,871.55), rapprezentanti l-bilanc minn somma ikbar rigwardanti merkanzija akkwistata ai termini tal-Invoices 22698, 22381, 22370, 22364, 22345, 22346 u 22347 u debitament rikonoxxut mis-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-

prezenti, kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Entertainments Limitedipprezentata nhar il-31 ta' Lulju 2012 fejn eccepiet:

1. *"Illi s-socjeta' konvenuta Entertainments Limited giet notifikata bir-rikors de quo u kif ordnata mill-Onorabbli Qorti matul l-ewwel dehra li inzammet nhar il-11 ta' Lulju 2012 qieghda tissottometti l-umli risposta fit-terminu stabbilit.*
2. *Illi s-socjeta' konvenuta tirrileva li l-ammont mitlub ta' tlett elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,871.55) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rigwardanti merkanzija akkwistata skond l-invoices numru 22698, 22381, 22370, 22364, 22345, 22346 u 22347 mhux korrett;*
3. *Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici ammont anqas minn dak li qieghda tigi mitluba.*
4. *Illi s-socjeta' konvenuta tirrikonoxxi li l-invoices li jgibu n-numru 22345 fl-ammont ta' Euro 176.76, invoice numru 22364 fl-ammont ta' Euro 207.44, invoice numru 22370 fl-ammont ta' Euro 80 u invoice numru 22381 fl-ammont ta' Euro 394.02, l-ordni kif mnizzla f'kull invoice giet debitament konsenjata lis-socjeta' konvenuta attrici;*
5. *Illi fir-rigward tal-invoice numru 22346 fl-ammont ta' Euro 16,319.24 parti mill-oggetti ordnati gew ritornati lura lis-socjeta' attrici b'dan illi s-socjeta' konvenuta nghatat credit note numru 22348 fl-ammont ta' Euro 341.31;*
6. *Illi l-ammont dovut rigwardanti invoice numru 22346 mnaqqsa bl-ammont ta' Euro 341.31 hu dak ta' Euro 15,977.93.*
7. *Illi fir-rigward ta' invoice numru 22698 fl-ammont ta' Euro 2,375.46 parti mill-oggetti ordnati gew ritornati lura lis-socjeta' attrici b'dan illi s-socjeta' konvenuta nghatat credit note nurmu 23117 fl-ammont ta' Euro 801.10 kif ukoll parti mill-oggetti sal-gurnata tal-lum qatt ma gew konsenjati lis-socjeta' konvenuta u konsiderando li ora mai ghaddiet kwazi sena mid-data tal-ordni, s-socjeta' konvenuta ma tehtiegx aktar l-oggetti li ghadhom ma gewx konsenjati.*

*8. Illi l-oggetti parti mill-invoice 22698 li sal-gurnata ta' llum ghadhom ma gewx konsenjati u mhumiex aktar mehtiega stante t-trapass taz-zmien huma TLC 78370 4x Fan Cyclone 5 bladed chrome/black, SPARES x 4 remote conrol package for fan u G2523313 4xAmalfi Spot 3 x 50W Satin Chrome, liema tlett oggetti jammontaw ghal Euro 1,279.53.*
*9. Illi tenut kont li mill-invoice 22698 ammontanti f'Euro 2,375.46 inghatat credit note, numru 23117 fl-ammont ta' Euro 801.10 u tlett oggetti fl-ammont ta' Euro 1,279.53 qatt ma gew konsenjati, il-bilanc dovut rigwardanti invoice 22698 hu dak ta' Euro 294.83.*
*10. Illi tenut kont ta' l-informazzjoni hawn fuq moghtija, l-ammont dovut koncernanti invoices numru rigwardanti invoice numru 22345 (Euro 176.76), 22346 (Euro 15, 977.93), 22347 (Euro 30.77), invoice 22698 (Euro 194.83), 22364 (Euro 207.44), 22370 (Euro 80.00) u 22381 (Euro 394.02) jammontaw ghal Euro 17,161.76;*
*11. Illi s-socjeta' konvenuta effettwat zewg pagamenti skond bank draft mahruga mill-Banif Bank wiehed ta' sitt elef Euro (€6,000) u pagament iehor fl-ammont ta' Euro 8,569.73 Total ta' Euro 14,569.73;*
*12. Illi l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici hu ta' Euro 17,161.66 tnaqqas Euro 14,569.73 ihalli bilanc ta' Euro 2,592.03 u mhux Euro 3,871.55 kif qieghda ssostni s-socjeta' attrici;*
*13. Illi ghaldaqstant it-talba attrici ma tirreflettix il-bilanc dovut u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u ghal dan il-ghan l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati fl-intier mis-socjeta' attrici.*
*14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-notaipprezentata fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 mis-socjeta' attrici li permezz taghha esebiet serje ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok PB 1 sa PB 17.

**Peter Bregmann** ghan-nom tas-socjeta' Light Shop Limited fil-kapacita' tieghu ta' Direttur xehed bil-ligwa Ingliza tradotta bil-lingwa Maltija mill-Qorti nhar it-3 ta' Ottubru 2012. Qal li huwa kien direttament involut fin-negozjati li kienu ghaddejjin mas-socjeta' konvenuta. Kien tkellem ma' Mark Grima ghan-nom tas-socjeta' konvenuta

u dan fuq mhedda ta’ zmien. Huwa esebixxa numru ta’ dokumenti li gew immarkati bhala Dok PB1 sa PB 17 u fosthom, id-Dok PB1 sa PB10 huma invoices u credit notes rispettivi. Id-dokument PB 11 hija statement li jindika il-bilanc dovut lilu llum. Irrimarka li d-dokumenti mmarkati bhala Dok PB 12 sa PB 16 huma e-mails li l-kontenut taghhom huwa car. Qal li apparti dawn l-e-mails li gew skambjali kien hemm diversi telefonati bil-ghan li jigbor dak dovut lilu. Spjega illi ghall-ewwel beda jtikellem ma’ Mark Grima ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta u wara kien cempillu certu Robert Bonnici li kien jokkupa l-kariga ta’ marketing manager. Qal li dejjem qalulu li kienu qed jissetiljaw xi affarijiet taghhom u qatt ma cahdu li effettivament kienu debituri tieghu tant li anke hemm miktub li qed jaccettaw id-debitu taghhom.

Spjega li kien talabhom sabiex ihalsuh sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April 2012 u fil-fatt din l-email tieghu giet rikonoxxuta minnhom kif jirrizulta minn ezami tad-dokument immarkat bhala Dok PB 14. Qal li nonostante li kienu ftiehmu li kellu jithallas sa dik id-data baqa’ ma rceviex il-hlas. Dok PB17 hija l-ittra li bghat l-avukat tieghu lis-socjeta’ konvenuta. Ikkonferma li l-fannijiet li kienu ordnaw il-konvenuti ghadhom fil-pussess tieghu pero’ zied jghid li dawn kienu *custom made* ghalihom u Mark Grima kien mar fil-hanut taghhom u approva dawn l-istess fannijiet. Iddikjara li Grima kien talbu izommhomlu fil-*warehouse* tieghu sakemm jinfurmah mod iehor. Sa illum dawn ghadhom ghandu jokkupawlu l-ispazju. Dawn il-fannijiet kienu maghmula minn tliet komponenti differenti u specifikament ghall-ordni tieghu.

**Quincy Bregman** xehed nhar il-31 ta’ Ottubru 2012, fejn iddikjara li jahdem gewwa l-Light Shop. Mistoqsi jekk qattx kienx prezenti fil-hanut meta Mark Grima mar jitkellem maghhom dwar xi ordni, ikkonferma li hemmhekk kien, effettivament. Tenna li jekk jiftakar sewwa, kien mar ghandhom sabiex jara xi fannijiet. Stqarr li effettivament, meta Mark Grima mar ghandhom kienu ramaw il-fanijiet ghalih u huwa approvahom u sussugwentament pogga ordni maghhom.

**Mark Grima** xehed fis-7 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' konvenuta. Ikkonferma li kienu avvicinaw lis-socjeta' attrici meta riedu jaghmlu *re-decorations* ta' wiehed mill-hwienet taghhom maghruf bhala Fuego li jinsab fi Triq San Wistin, St. Georges Bay, San Giljan. Dan sar wara li x-xhud kien qabbad lill-inginier tieghu biex jara liema kienu l-hwienet prospettivi minghand min setghu jixtru l-affarijiet li kellhom bzonn. Dan sar fil-perjodu ta' Awwissu 2011 jew ftit qabel.

Ix-xhud spjega li l-inginier hejja *outsource* ghall-kumpanija maghrufa bhala 'Lighting Solution' u l-kont taghha kien tela' ghal ghoxrin elf Ewro (€20,000). Ix-xhud qallu li kien ikun ahjar li jixtru l-affarijiet minnghand Peter ta' The Lightshop Limited ghax hu diga' kellu relazzjoni mieghu, dan dejjem jekk ma kienx ser jigi ghola. Fil-fatt il-quotation tas-socjeta' attrici ma gietx gholja, u ghamlu l-ordni, hallsu t-tmintax il-elf Ewro (€18,000) rigwardanti l-affarijiet li xtraw minn ghandhom u kien fadal pendenza ta' xi madwar tlett elef Ewro (€3,000) li fil-fatt hija l-ammont mitlub fl-avviz odjern.

Ix-xhud iddikjara li kien sar mandat ta' sekwestru meta giet prezentata il-kawza u l-flejjes kienu gew maqbuda u gew depozitati l-Qorti. Huwa spjega li l-ammont ta' €3,871.55 jirrapprezenta diversi kontijiet, u wiehed minnhom huma ma jaqblux mieghu. Fil-fatt huma m'humiex jaqblu mal-invoice No: 22698 li hija esebita fl-atti a fol 20 u mmarkata bhala PB9. Dan l-invoice jammonta ghal €2,375.46. Huwa spjega li ma jaqblux ma' tliet oggetti partikolari f'dan id-dokument u cioe'**,** il-*fan cyclo five bladed chrome, remote control package for cyclo fan* u *amalfi spot satin chrome*. Qal li dawn verament gew maghmulin apposta ghalihom, anzi stqarr li gew konvertiti ghalihom. Dwar iz-zewg oggetti ohra u cioe' six *self edhesive lead light five metre* u *one doujour table light*, huwa stqarr li dawn fil-fatt ma haduhomx u rcevew *credit note* minn ghandhom u ghalhekk dan l-invoice llum il-gurnata japplika biss ghall-ewwel tliet affarijiet. Rigward dawn it-tliet affarijiet l-inginier kien mar fil-hanut tas-socjeta' attrici u kien tkellem maghhom u qalilhom li dawn il-fannijiet ma kienux ser jigu delivered ghandhom. Peter

qal li ma kienx ser jibghatilhom dawn it-tliet affarijiet peress li kellhom pendenza maghhom u fil-fatt baqghu ma ntbaghtux u dan fuq xjelta tas-socjeta' attrici stess minhabba l-pendenzi.

Huwa stqarr li llum il-gurnata huma ma ghandhomx bzonn dawn il-fannijiet ghax xtraw affarijiet ohra minflok dawn l-affarijiet. Ghalhekk una volta jitnehha l-ammont ta' elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,279.53) mill-ammont li qed jigi mitlub mis-socjeta' attrici u cioe' mis-somma ta' tlett elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,871.55), jibqa' bilanc ta' elfejn, hames mija u tnejn u disghin Ewro u zewg centezmi (€2,592.02) li huma lesti li jhallsu ghax m'hemmx kontestazzjoni fuqhom. *(sottolinear ta' din il-Qorti)*

Huwa spjega li dawn il-fannijiet mhumiex ezattament *custom made*, ghax gew lesti minn barra. Pero' kellhom xi *additions* maghhom u ghalhekk jistghu jigu nstallati f'xi postijiet ohrajn. Effettivament dawn l-affarijiet ma gewx Malta ghax-xhud, izda l-*additions* li kienu partikolari ghalih u kienu gew konvertiti ghalih.

Huwa sostna li huwa lest li jesebixxi dokumentazzjoni dwar il-flejjes li gew depositati l-bank una volta jgibha mill-bank. Huwa kkonferma li huma kienu qalu lis-sur Bregman li huma kienu lesti li jhallsu tlett elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,871.55) pero' llum il-gurnata la m'ghandhomx il-fannijiet, huwa ma jhossx li ghandu jhallas dan l-ammont. F'dak iz-zmien huwa ma kienx ghamel referenza ghal dawn il-fannijiet ghaliex ma kienux intbaghtu u hu ma kienx ghamel referenza ghalihom. Huwa kkonferma li fil-fatt lis-Sur Bregman kienu qalulu li kienu lesti li jaghtuh il-bilanc li kien dovut lilu, u cioe' l-ammont pretiz fil-kawza odjerna. Huwa minnu li Robert Bonnici kien manager tax-xhud.

Ix-xhud gie muri d-dokumenti esebiti fl-atti a fol 23 sa fol 30 et seq, u spjega li din hija korrispondenza li kien hemm bejniethom. Huwa kkonferma l-kontenut taghha. Ix-

xhud ammetta li l-ammont kien dovut apparti l-kwistjoni tal-fans li ghadhom ghand is-socjeta' attrici sal-lum.

Rat il-verbal taghha tal-31 ta' ottubru 2012 fejn gie verbalizzat li din il-kawza kienet giet differita ghas-7 ta' Novembru 2012 ghall-provi kollha tal-konvenut bl-intendiment li wara din id-data il-kawza tithallas ghas-sentenza u li Dr Cardona ghan-nom tas-socjeta' konvenuta hadhet konjizzjoni ta' dan l-istess verbal dakinhar stess tas-seduta.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012 ma deher hadd ghas-socjeta' konvenuta u li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difetto ostakolo.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha is-somma ta' tlett elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,871.55) rapprezentanti il-bilanc minn somma ikbar rigward merkanizja akkwistata ai termini ta' numru ta' invoices esebiti fil-process, liema invoices huma debitament rikonoxxuti mill-istess socjeta' konvenuta.

Illi fil-mori tal-kawza jidher li fil-fatt mhux is-somma kollha kontestata ghaliex skond Mark Grima is-somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u disghin Ewro u zewg centezmi (€2,592.02) mhix kontestata u kien lest li jhallasha purche' is-socjeta' konvenuta tirriduci t-talba taghha u tnehhi is-somma ta' elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,279.53) mill-bilanc reklamat minnha. Jidher li l-kontestazzjoni tikkoncerna is-somma ta' elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,279.53), liema somma tirrapprezenta ordni ta' tlett fannijiet li kien ghamel Mark Grima mas-socjeta' konvenuta liema fannijiet kienu gew alterati proprju ghar-rikjesta tieghu sabiex ikunu ghas-sodisfazzjon tieghu. Kienu tlett fannijiet li kien ordna u wara ma gabarx. Jidher mix-xhieda prodotta li qabel ma pogga l-ordni ta' dawn it-tlett fannijiet Mark Grima kien mar il-hanut tas-socjeta'

attrici u ra l-istess fannijiet ‘assembled’ u kien proprju f’din il-laqgha li kien pogga l-ordni taghhom. Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni esebita u appuntu mill-email datata 15 ta’ Marzu 2012 immarkata bhala Dok PB 15 a fol. 28 jidher li Robert Bonnici li huwa marketing Manager tas-socjeta’ konvenuta kien ikkonferma li s-socjeta’ konvenuta kellha bilanc ta’ tlett elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,871.55) restanti mas-socjeta’ attrici u li kienet bi hsiebha thallsha sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April 2012. Illi pero’ minkejja din l-ammissjoni, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tacetta f’dan l-istadju li Mark Grima jghid li ma jridx ihallas ghat-tlett fanijiet ghaliex ma jinsabux fil-pussess tieghu u li llum il-gurnata m’ghandux aktar bzonnhom. Dan mhux ragunament gust u ekwu li wiehed jaghmel ordni, imbaghad jabbanduna din l-ordni minghajr raguni legittima u ma jmurx jigbor l-ordni u in segwitu jirrifjuta li jhallas. Dan mhux ragunament accettabli ghal negozjant li jixtri u jordna merkanzija ghall-klijent sabiex wara jibqa’ biha. Argument li din il-Qorti zgur mhix ser taccetta.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti issib li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi konfermata u ghalhekk qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ tlett elef, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€3,871.55) u dan bl-imghax mid-data tal-invoice rispettivi taghhom.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jigu sopportati *in toto* mis-socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------